**Kunsill Lokali Safi**

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
E-Mail: safi.lc@gov.mt
Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 5/2021

21 ta' Mejju, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fl-5:00 pm.

Preżenti:

Johan Mula: Sindku

Francis Callus Viċi Sindku

Joanna Abdilla Kunsilliera

Publio Abdilla: Kunsillier

Mark Cocker Kunsillier

Uffiċċjal Preżenti:

Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

5.0 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla kienet avżat illi kienet ser tattendi għal laqgħa aktar tard. Hija ġiet skużata.

5.1 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

5.1.1 Is-Sindku qal illi xtaq jagħti update ta' Triq il-Kuċċard. Huwa qal illi t-tabelli u l-*sleeping Police* kienu twaħħlu. Is-Sindku qal illi huwa kellu laqgħa ma persuna minn naħa ta' Transport Malta fejn iddiskutew l-*Stop Sign* u/jew l-*give way* minn Triq il-Kuċċard għas-*service road*. Is-Sindku qal li kellu konferma li *Stop Sign* ma tistax issir filwaqt illi *give way* tista' ssir u hekk kif ikollna konferma bil-miktub minn Transport Malta jkunu jistgħu jsiru s-sinjali mal-art u t-tabella tal-give way.

Il-Kunsill iddiskuta ukoll l-*pelikan lights* u l-ewwel *sleeping police* eżatt quddiem il-ħanut. Is-Sindku kkonferma li l-*pelikan lights* kellhom jagħmluhom Transport Malta u fuq l-ewwel *sleeping police* is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jiċċekja jekk kienx hemm approvazzjoni.

5.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 4.3.6 (parking bay safra l-wiesa' tal-bieb fi Triq San Gwann) kienet saret.

5.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 4.1.12 (Ġnien ta' Amparell) kellu jitnaddaf u jinħarat imma milli jidher kien għadu ma sarx. Is-Sindku qal li f'dan iż-żmien il-ħamrija tkun wisq iebsa biex tinħarat.

5.1.4 Is-Sindku qal illi ref punt 4.3.8 (Sqaq Ħannux) il-Kunsill kien mexxa l-qasrija.

5.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-Kunsill kien għamel *dustbin* fi Sqaq Ħannux li illum ma kienx għadu postu hemmhekk. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandu jitneħħa.

5.1.6 Is-Sindku qal illi kellu laqgħa fuq il-post mal-*Cleansing Department* rigward Triq il-Kuċċard. Is-Sindku qal illi fost affarijiet oħra kienu tkellmu sabiex

jitwaħħal bin ieħor tal-klieb f'din it-triq u l-problema li tista' tinħoloq għaliex il-kennies tagħna kien jiknes biss is-service road biss fi Triq il-Kuċċard.

5.1.7 Is-Sindku qal illi ref punt 4.2.2 (kuntratt tal-knis) kien jinħtieġ li tinstab ġurnata sabiex issir laqgħa minħabba l-evalwazzjoni tal-kuntratt. Il-Kunsill qabel illi għandha ssir laqgħa nhar il-Ġimgħa 4 ta' Ġunju fid-9:00am.

## 5.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.2.1 Is-Sindku qal illi xtaq jagħti update rigward il-grawnd tal-futboll. Huwa qal illi *Sport Malta* kienu offrew lill-Kunsill is-somma ta' €21.000 sabiex bihom isiru:

1. Titranġa t-tinda
2. Jinbidlu l-*floodlights* bis-sistema ġdida tal-LED's
3. Jitranġa l-passaġġ u jiġi addattat għal persuni bi bżonnijiet speċjali.
4. Jinbidel l-fence.

Is-Sindku qal il-proċeduri kollha għal procurement kien ser isir minn naħa ta' Sport Malta.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa min suppost li jnaddaf il-grawnd għaliex ġieli qed ikun maħmuġ ħafna. Is-Sindku qal li t-tindif tal-grawnd kien f'idejn l-assistent tal-grawnd pero' bħalissa peress li ma kienx qed jinkera minħabba l-Covid 19 kien qed jitnaddaf jew mill-ħaddiema tagħna jew meta nqabbdu lill-kennies.

5.2.2 Is-Sindku qal kellu laqgħa ma Transport Malta fejn marru fuq il-post jiddiskutu fejn ir-razzett ta' Triq ta' Rqajja. Is-Sindku qal li Transport Malta m'approvatx li jsir ir-railing u l-bankina li offrietlu r-raħħal ma kienx qed jaċċettaha. Is-Sindku qal li issa kien hemm qbil li jsiru marki mal-art biex is-sewwieqa jkunu iggwidati aħjar fis-sewqan.

5.2.3 Is-Sindlu s-Sur Johan Mula qal illi kellu talba mill-Ministeru tal-Inklużjoni sabiex min hu nteressat jista' jattendi sabiex jiċċekkja l-kwalita' tas-smigħ

tiegħu. Is-Sindku spjega li l-konsultazzjonijiet ser ikunu fid-19 u fis-26 ta Ġunju. Sabiex ikun hawn aktar għarfien ta' din l-inizzjattiva s-Sindku għarraf lill-Kunsilliera li li kienet ser issir Press Conference nhar il-Sibt 5 ta' Ġunju, quddiem il-Kappella ta' Santa Marija fl-10:30am.

5.2.4 Is-Sindku qal illi xtaq li jagħti update ukoll fuq il-proġett Ewropew tal-app. Huwa ta' spjegazzjoni tax-xogħol li diġa' kien sar fuq l-app u l-booklet.

5.2.5 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva e-mail mingħand t-TCTC fejn qed jiproponi diversi korsijiet. Is-Sindku ressaq l-proposti lill-Kunsill. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel lli għandna ngħarrfu li aħna nteressati biss jekk ser inżommi mal-ammont ta'€700 bħal snin oħra kif ukoll iż-żieda ta' €5.00 bħala *administration fee* għal kull persuna li tattendi.

5.2.6 Is-Sindku qal illi kien kellmu l-*instructor* tas-Science Club sabiex jistaqsi jekk il-Kunsill hux interesst jorganizza kors ieħor għal żmien is-Sajf. Is-Sindku qal illi l-instructor kien qed jitlob il-ħlas ta' €40 għal tmien lezzjonijiet. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li sabiex isiru jekk imqar ikollna 10 studenti.

5.2.7 Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera rigward l-AĠM tar-Reġjun li kienet ser issir nhar is-Sibt 19 ta' Ġunju. Huwa qal illi l-President kien jixtieq li min kien interessat li jmur kellu jikkonferma mill-aktar fis possibbli.

5.2.8 Is-Sindku qal illi kienet ċemplitlu s-Sindku taż-Żurrieq rigward proġett li kienu ser jagħmlu ħdejn il-Mitħna tax-Xarolla. Huwa qal illi l-wiring tad-dwal kellu jinbidel kollu u għalhekk kienet tagħmel sens illi aħna nbiddlu l-parti tagħna ukoll. Huwa ppreżenta kwotazzjoni ta' €600. Il-Kunsill approva unanimament.

5.2.9 Is-Sindku ressaq korrispondenza ta' proposta sabiex il-kiri tal-grawnd jibda jiġi ibbukkjat online. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi għandna nippruvaw għal sena bħala prova.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker kien skużat 17:58 u rritorna 18:00

5.2.10 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ġie infurmat illi *d-disabled parking* fi Triq Qerd in-Naħal kellha titneħħa għaliex il-persuna kienet ġiet nieqsa.

5.2.11 Is-Sindku qal illi kienet kellmitu psikjatra sabiex il-Kunsill jikrilha post addattat fejn tkun tista' sservi bħala psikjatra. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi għandna noffrulha l-uffiċċju fejn tpoġġi l-speech therapist. Bħala ħlas il-Kunsill qabel illi għandna nistaqsu sabiex il-ħlas ikun ġust.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla daħlet għal laqgħa 18:0.

5.2.12 Is-Sindku qal illi waqt il-laqgħa mas-Sur Ramon Deguara sabiex nidentifikaw postijiet fejn il-Kunsill jixtieq li jitnaddfu. Huwa qal illi kien qed jissuġerixxi li jnaddfu tal-Ħlantun, Ta' Ġawhar, Triq Carmelo Caruana, Triq il-Kuċċard u Triq il-Karwija.

**5.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

5.3.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi d-daħla tar-raħal u mar-roundabout kien hemm bżonn li jinqata' l-ħaxix.

5.3.2 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi fi Triq il-Kuċċard ukoll kien hemm ħafna ħaxix ħażin.

5.3.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward it-tisbieħ ta' Triq il-Kuċċard. Is-Sindku qal illi billi t-triq m'ilhiex li ġiet distributorja kien għad trid toħroġ sejħa pubblika oħra sabiex titniżżel triq il-Kuċċard ukoll bħala parti mit-tisbieħ li jsiru permezz tal-Gvern Ċentrali.

5.3.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla avżat lill-Kunsilliera illi nhar il-Ħadd 6 ta' Ġunju fil-pjazza ser ikun hawn l-*Blood Donation Unit.*

5.3.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi kienet saret it-tielet laqgħa tas-sotto kumitat ta' *Slow Streets.* Huwa faħħar lill-kumitat għaliex kienu qegħdin jieħdu sehem attiv ħafna. Huwa spjega illi għal issa kienu qegħdin jieħdu l-proposti kollha sabiex fl-aħħar ngħaqqduhom flimkien bħala pakkett wieħed.

Il-Kunsillier spejga ukoll illi qabel kien ġie deċiż li nindirizzaw it-trasport pubbliku għalih pero' issa qablu li kienet tagħmel aktar sens li jsiru t-tibdiliet kollha f'daqqa.

5.3.6 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi huwa għandu d-dekasteru tat-traffiku u t-toroq. Huwa spjega lill-Kunsill illi kien jixtieq illi ma jsirx jaf b'kull żvilupp li sar fid-dekasteri tiegħu waqt il-laqgħat biss imma wera ix-xewqa li fil-futur ikun infurmat meta jkun hemm xi żvilupp sabiex jattendi għal dawn il-laqgħat.

5.3.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ma kienx jaqbel illi l-parti d-dejqa ta' Triq il-Kenn tiġi pedonali.

5.3.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi f'laqgħa preċidenti l-Kunsill kien qabel illi parking bay fi Triq San Gwann għandha titneħħa għaliex kienet qed tkun ta' periklu għal min jgħaddi minn hemm. Il-Kunsill reġa' iddiskuta u qabel li titneħħa mill-aktar fis possibbli.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker kien skużat mil-laqgħa 18:46 u rritorna 18:48

5.3.9 Is-Sindku s-Sur Johan Mula qal illi Triq San Pawl kienet saret temporanjament one way minnħabba ċertu xogħolijiet. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li idealment tibqa' one way sakemm jitlestew ix-xogħolijiet kollha.

**5.4 Rapporti**

Approvazzjoni tal-First Quarterly Financial Report 2021 (Jannar – Marzu 2021)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-ewwel Quarterly Financial Statements Q1 (Jannar – Marzu 2021. Dan ġie approvat sabiex jiġi uploadjat.

**5.5 Cirkulari Numru SPI/SCI/5/2021 Community Inclusivie Employment Scheme (CIES)**

Is-Sindku ressaq Cirkulari Numru SPI/SCI/5/2021 lill-Kunsill. Huwa spjega kif ser tkun qed taħdem din l-iskema. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi għandna naplikaw għal persuna klerikali fuq bażi part-time biex tkompli tikkumplamenta mal-istaff tal-Kunsill.

## 5.6 Devoluzzjoni ta' Site fi Triq it-Torri ta' Gawhar

Is-Sindku qal illi l-Perit kien ser jitfa' l-applikazzjoni sabiex isir id-*dog park* fis-sit fi Triq it-Torri ta' Gawhar fejn il-Kunsill kien ser jdawwar bil-ħitan tas-sejjieħ. Huwa qal illi jkun għaqli illi l-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni tiegħu għaliex wisq probabbli sabiex joħroġ il-permess ikun jinħtieġ illi dan ikun devolut lill-Kunsill.

Il-Viċi Sindku spjega kif din il-biċċa art kienet ġiet imnaddfa fil-leġiżlatura tiegħu.

Il-Kunsill iddiskuta d-devoluzzjoni u qabel illi l-Kunsill għandu japplika għad-devoluzzjoni ta' dan is-sit.

## 5.7 Aġġornament Ġnien ta' Ball

5.7.1 Is-Sindku spjega li x-xogħol fi Ġnien ta' Ball kien kważi fit-tmiem. Huwa qal illi kull ma kien fadal kien biss li jeħlu l-*information panels* u l-arbuxelli. Huwa spjega illi sabiex jeħlu l-*information panels* kien hemm il-ħtieġa li nagħmlu bħal *platform* sabiex ikunu sodi. Is-Sindku ppreżenta l-kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nmorru fuq l-orħos kwotazzjoni.

5.7.2 Is-Sindku spjega lill-Kunsll fejn kienu ser jeħlu l-*bins* u ta' spjegazzjoni kif kienu ġejjin l-lapidi. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tiegħu.

5.7.3 Is-Sindku qal illi kien tkellem mal-persuna li tieħu ħsieb in-naħal rigward l-issue tal-periklu fil-ġnien. Is-Sindku spjega li l-persuna kien lest jiġi waqt il-laqgħa tal-Kunsill sabiex jagħti aktar tagħrif fuq il-prekawzjonijiet li jistgħu jittieħdu sabiex min jżur il-Ġnien ikun sigur.

Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus talab li jiġi skużat mil-laqgħa. Huwa ġie skużat.

## 5.8 Slow Streets – Pjazza – Triq San Pawl

5.8.1 Is-Sindku s-Sur Johan Mula ressaq il-kwotazzjoni tad-disinn tal-pjazza tar-raħal. Huwa spjega li b'dan il-prezz il-Kunsill kien obbligat li jagħmel it-tlett fażijiet u mhux jidenitifika parti minnha. Il-Kunsill qabel.

5.8.2 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien jinħtieġ li jiddeċiedi x'ser isir fil-parti ta' Triq San Pawl mill-pjazza sas-salib tad-dejma. Huwa pprezenta s-samples lill-Kunsilliera. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill iddiskuta wkoll il-probabilita' li minflok lava stone kienx ikun aktar għaqli li jsir permezz ta' Stencil Concrete. Il-Kunsill qabel illi għandha tittieħed deċiżjoni meta nkunu nafu l-prezz tal-lava stone.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker ġie skużat mil-laqgħa 20:41 u rritorna 20.43

**5.9 Korrispondenza**

Il-Kunsillier iddiskutew xi punti mill-korrispondenza.

**5.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**5.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgħa ntemmet fis-9.15. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ġimgħa 25 ta' Ġunju, 2021 fl-4:00pm sabiex fil-5:00 issir il-Laqgħa Pubblika.

Johan Mula — Sindku

Doris Baldacchino — Segretarju Eżekuttiv